**Nru. 103**

**WARRANT MILL-MINISTRU TAL-ĠUSTIZZJA, KONSULTAZZJONI PUBBLIKA U L-FAMILJA**

NGĦARRFU illi, bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunarji b’Setgħa li jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru tal-Ġustizzja ħatar bħala Kummissjunarji bis-Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, u jew għall-perjodu indikat fl-istess ħatra, liema minnhom tiġi l-ewwel, lill-imsemmija hawn taħt:

*Ministeru għall-Affarijiet Barranin*
Is-Sur Stephen Borg
Dott. Victoria Ann Cremona
Dott. John Paul Grech
Is-Sur Christopher Grima
Is-Sinjura Natasha Meli Daudey

*Ministeru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni*
Is-Sinjura Marvic Axisa
Is-Sinjura Josette Borg
Is-Sinjura Monique Borg Olivier
Is-Sinjura Carmen Cassar
Is-Sinjura Claudine Cortis
Is-Sinjura Gillian Ellul
Is-Sur Darren Vassallo

B’Awtorità
CHRIS SAID
*Ministru tal-Ġustizzja, Konsultazzjoni Pubblika u l-Familja*

L-4 ta’ Frar, 2013
(MJDF/144/2013/1)

**No. 103**

**WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE, DIALOGUE AND THE FAMILY**

IT is notified that, in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice appointed as Commissioners for Oaths, whilst performing such functions and as long as they continue in that capacity, and/or for the period indicated in the same appointment, whichever is the earlier, the undermentioned:

*Ministry of Foreign Affairs*
Mr Stephen Borg
Dr Victoria Ann Cremona
Dr John Paul Grech
Mr Christopher Grima
Ms Natasha Meli Daudey

*Ministry for Infrastructure, Transport and Communications*
Ms Marvic Axisa
Ms Josette Borg
Ms Monique Borg Olivier
Ms Carmen Cassar
Ms Claudine Cortis
Ms Gillian Ellul
Mr Darren Vassallo

By Authority
CHRIS SAID
*Minister for Justice, Dialogue and the Family*

4th February, 2013

**Nru. 104**

**L-AWTORITÀ TA’ MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali Limitat**

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta’ 2007), u minħabba li l-Awtorità ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b’mod suffiċjenti

**No. 104**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental

l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se żżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Riferenza: TRK. 144892
Post: Sit f' Estensjoni għal Salina Park, Triq il-Qawra k/m Triq J.F. Kennedy, San Pawl il-Baħar, Malta.
Proposta: Estensjoni għal Salina National Park - żona ta' rikreazzjoni *landscaped*/afforestata

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fis-17 ta' Lulju, 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fit-3 ta' Jannar, 2013.

issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK. 144892
Location: Site at Extension to Salina Park, Triq il-Qawra c/w Triq J.F. Kennedy, San Pawl il-Baħar, Malta
Proposal: Extension to Salina National Park - recreational landscaped/afforested area

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 17th July, 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 3rd January, 2013.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impact*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Ħolqien ta' skart | Minħabba li l-proġett qed jipproponi żona ta' rikreazzjoni b'intervent minimu, mhux probabbli li l-proġett se jinvolvi kwantitajiet kbar ta' skart solidu. Il-proġett x'aktarx li joħloq kwantitajiet żgħar ta' skart inerti u muniċipali li faċli jkunu ġestiti. |
| *Waste generation* | *Since the nature of the project seeks to establish a recreational area with minimal intervention, it is unlikely that the project will involve large quantities of solid waste. The project is likely to generate small, easily manageable quantities of inert and municipal waste.* |
| Impatt fuq il-kwalità tal-arja, storbju u vibrazzjonijiet | Huwa mistenni li se jkun hemm xi storbju, vibrazzjonijiet u impatti fuq il-kwalità l-arja, l-aktar matul il-fażi ta' kostruzzjoni. Madankollu, dawn aktarx li se jkunu minimi u ta' natura temporanja. Għandhom ikunu infurzati miżuri *standard* biex jittaffa l-impatt waqt il-kostruzzjoni skont ir-Regolamenti fuq il-Ġestjoni Ambjentali ta' Sit tal-Kostruzzjoni (Avviż Legali 295 tal-2007). Waqt l-operat, il-proġett se jġib żieda fin-numru ta' viżitaturi, li possibbilment iwassal għal livelli ogħla ta' storbju, iżda madankollu dan mhux mistenni li jkun konsiderevoli. |
| *Impact on air quality, noise and vibrations* | *Noise, vibration and impacts on air quality are expected, mainly during the construction phase, however these are likely to be minimal and of a temporary nature. Standard mitigation measures during construction should be enforced in accordance with the Environmental Management Construction Site Regulations (Legal Notice 295 of 2007). During operation, the project will entail an increase in visitor numbers, which would possibly lead to increased noise levels, however this is not expected to be considerable* |
| Impatt permezz ta' dawl | Matul il-lejl, aktarx li se jkun hemm tidwil tal-mogħdijiet u żoni ta' rikreazzjoni. Madankollu, l-emissjonijiet tad-dawl jistgħu jitnaqqsu permezz tal-użu ta' lampi li jħarsu 'l isfel (*down-lighters*), jew billi jitnaqqas id-dawl użat. |
| *Light pollution* | *During night time, lighting along pathways and recreational areas is envisaged. Nevertheless, light emissions may be reduced through the use of down-lighters, or by minimisation of lighting.* |
| Impatti fuq il-wirt kulturali | Hemm il-possibbiltà li jistgħu jinstabu xi fdalijiet arkeoloġiċi fuq is-sit propost speċjalment waqt l-iskavi u b'hekk tinħtieġ konsultazzjoni mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, speċjalment dwar monitoraġġ tax-xogħlijiet. |
| *Impact on cultural heritage* | *There is a possibility of archaeological remains being uncovered within the proposed site especially during excavations. Thus, consultation with the Superintendence of Cultural Heritage (SCH) is required, especially regarding monitoring of works.* |

| | |
|---|---|
| Impatt viżiv | L-impatt viżiv tal-iżvilupp jista' jitnaqqas permezz ta' landscaping xieraq li jgħatti l-iżvilupp minn kull naħa. Kemm l-ispeċi magħżula, kif ukoll it-tqassim tat-tħawwil tagħhom, għandhom jirriflettu l-karatteristiċi tal-ambjent tal-madwar sabiex l-iżvilupp ikun integrat aħjar fil-pajsaġġ. |
| *Visual impact* | *Any visual impact of the development can be mitigated through suitable landscaping that screens the development on all fronts. Both the species and the planting layouts used should reflect the surrounding environmental characteristics for improved blending into the landscape.* |

Minkejja dak li jissemma hawn fuq, l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni

It-8 ta' Frar, 2013

**Nru. 105**

**L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

SKONT ir-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (Avviż Legali 114 ta' 2007), u minħabba li l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinjifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur għall-Ħarsien tal-Ambjent jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta' Referenza: PA 05839/05
Post: B & B Construction, Triq Santa Marija, Il-Magħtab
Proposta: Kostruzzjoni ta' garaxxijiet u *shed* għall-produzzjoni ta' *pre-cast units*. Applikazzjoni tinkludi sanzjonar ta' varjazzjonijiet minn permess approvat PA2609/94.

Dawn l-effetti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma' numru ta' miżuri biex jitaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità fit-23 ta' Ottubru, 2012 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-14 ta' Jannar, 2013.

Notwithstanding the above, the Malta Environmental and Planning Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

8th February, 2013

**No. 105**

**MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY**

**Notification of Exemption of Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (Legal Notice 114 of 2007), and in view of the fact that MEPA has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director of Environment Protection agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and MEPA has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: PA 05839/05
Location: B & B Construction, Triq Santa Marija, Magħtab
Proposal: To construct garages and shed for the production of pre-cast units. Application includes the sanctioning of variations from approved permit PA2609/94.

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to MEPA on the 23rd October, 2012 and the justification for proposal from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 14th January, 2013.